MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 120/2015

**A B**

***vs***

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi hija zzewwget lill-intimat fit-2 ta' Gunju 2007 – certifikat taz-zwieg anness u markat bhala Dok A;

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u resqu ghas-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt ippubblikat in atti Nutar Elisa Falzon fl-20 ta' Dicembru 2012 – anness u markat bhala Dok B;

Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied, Jayden u Neil li ghadhom minorenni, u hu l-intimat li skont il-kuntratt ta' separazzjoni ghandhu jhallas lir-rikorrenti manteniment ghall-bzonnijiet tal-minuri. Illi l-kontendenti ma jhallsux manteniment ghall-bzonnijiet ta' xulxin skont il-kuntratt ta' separazzjoni;

Illi ghaddew aktar minn erba' snin mid-data li fiha l-partijiet ilhom de facto separati minn xulxin, u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tiddikjara z-zwieg taghha mal-intimat C D bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u sabiex tordna ghaldaqstant lir-Registratur tal-Qorti biex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-ligi, u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Marzu, 2015;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma ipprezentax risposta u ma deherx;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-20 ta' Dicembru, 2012 u ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin;

Illi hija ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------